**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni bin-numru 493/2024/1 MS fl-ismijiet:*

**Maria Carmela Bellizzi, Christopher Camilleri u Alexander Camilleri**

**Vs.**

**Marlin Vella u martu Victoria sive Victoria Maria Vella**

1. Dan huwa dikriet dwar talba li saret mir-rikorrenti b'rikors tat-18 ta' Marzu 2024 għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni sabiex l-intimati jinżammu milli «*jagħmel kwalsiasi xogħol ta' kostruzzjoni fil-fond ġnien fi Triq San George Qormi ta' kejl ta' ċirka elf u tnax-il metru kwadru (1,012 mk) u sienja miegħu annessa, u arja tal-kejl ta' ċirka disgħa punt ħames metri kwadri (9.5 mk) fl-elevated ground floor level*».

2. Din it-talba ġiet milqugħa provviżorjament b'dikriet tat-18 ta' Marzu 2024. Inżamm smigħ fil-25 ta' Marzu 2024, u dakinhar l-intimati preżentaw ukoll it-tweġiba tagħhom.

3. L-artikolu 873(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid li, «*Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa*

*meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet*».

4. L-ewwel element li r-rikorrenti jridu jissodisfaw għalhekk huwa li huma għandhom, imqar mad-daqqa t'għajn, jeddijiet kontra l-intimati. Bil-kemm hemm għalfejn wieħed jgħid li r-rikorrent fi proċedura bħal din mhux meħtieġ li jressaq xi prova rigoruża tal-jedd li qiegħed ivanta. Huwa biżżejjed illi juri li dak il-jedd jidher minn eżami ħafif taċ-ċirkostanzi tal-każ, b'mod li juri li l-pretensjoni tiegħu tikkorrispondi ma' dritt li huwa magħruf mil-liġi u li, mid-dehra ħafifa tal-fatti, jidher li huwa tassew vestit fir-rikorrent. Kif ġie ritenut antikament fid-deċiżjoni ***Gaetano Millar vs. Irene Millar***: «*Che sotto la denominazione di pretensione che possa essere assistita e sostenuta dai rimedi cautelatori riconosciuti dalla legge, non si deve intendere indistintamente qualunque domanda che si voglia dedurre in giudizio, e per cui si voglia fare spedire lo impedimento, ma bensi quelle domande che si riconoscessero, almeno prima facie e dietro un sommario esame del caso, giuste e ragionevoli, e non esorbitanti ed eccessive*»[1]. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-sentenza tagħha tat-8 t'April 1988 fl-ismijiet ***Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfrè***, osservat li: «*It-tieni rekwiżit, u ċjoè "li dan ir-rikorrenti prima facie jidher li għandu dawn il-jeddijiet huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, ma' l-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat*»[2].

5. Fil-każ odjern, u kif ippreċiżat waqt it-trattazzjoni tar-rikors, ir-rikorrenti jgħidu li d-dritt tagħhom huwa dak ta' komproprjetà fil-ġnien imsemmi fir-rikors tagħhom. Filwaqt li huma jaċċettaw li dan il-ġnien kien kompriż fil-ġid imsemmi li qed jinbiegħ minn Jude Taddeus Camilleri lill-intimati b'kuntratt riċevut min-Nutar Pubbliku Paul George Pisani fit-28 ta' Novembru 2016, isostnu però li Camilleri ma kellux is-sehem sħiħ tal-ġnien in kwistjoni, u kwindi *nemo dat quo non habet*.

[1] Kollezz. Vol.I.111.
[2] Din id-deċiżjoni hija riprodotta fid-deċiżjoni mogħtija fit-tieni istanza li warrbet preġudizzjali ta' nullità tal-appell interpost mid-deċiżjoni tal-ewwel istanza, u li tinsab ippubblikata (Kollezz. Vol.LXXII.ii.290). Id-deċiżjoni fil-meritu tat-tieni istanza ma jidhirx li ġiet ippubblikata.

6. L-imsemmi Jude Thaddeus Camilleri u r-rikorrenti huma aħwa u wlied il-mejtin Paul Camilleri u Benigna xebba Micallef. Fir-rikors ġuramentat li bih ir-rikorrenti ddeduċew il-pretensjonijiet tagħhom, u li kopja tiegħu ġiet mehmuża mar-rikors tat-18 ta' Marzu, 2024, huma fissru li ħu missierhom, ċertu George Camilleri, kien is-sid ta' ġnien fi Triq San Ġorġ f'Ħal Qormi tal-kejl ta' elf u tnax-il metru kwadru, u sienja annessa miegħu, kif ukoll ta' garaxx b'ġardina li kellha kejl ta' tliet mija u sittax punt tnejn metri kwadri, fl-istess triq u raħal. Ir-rikorrenti spjegaw li George Camilleri miet fl-1995, u ħalla bħala werrieta lil ħutu, kompriż missierhom. B'żieda ma' dan, George Camilleri ħalla l-ġnien bil-ġardina (li għandha kejl ta' 316.2 mk) lil Paul Camilleri, missier ir-rikorrenti, u dan permezz ta' prelegat.

7. Xi żmien wara, Paul Camilleri ttrasferixxa lill-ibnu Jude Taddeus Camilleri l-istess garaxx u ġardina, u dan b'kuntratt tat-12 ta' Frar 2004 fl-atti tan-Nutar Antoine Agius. Imbagħad snin wara, Jude Taddeus Camilleri biegħ lill-intimati l-garaxx u l-ġardina, flimkien mal-ġnien l-ieħor ta' kejl ferm akbar, li r-rikorrenti jgħidu li ma kienx jappartjeni biss lilu. Ir-rikorrenti jgħidu li huma għandhom sehem minn dan il-ġnien ta' kejl akbar (u ċjoè 1,012 mk), għaliex dan intiret minn missierhom u qatt ma nbiegħ minnu, bil-konsegwenza li baqa' jifforma parti mill-ereditā tiegħu li eventwalment iddevolviet fuqhom u fuq Jude Taddeus Camilleri ugwalment.

8. Issa skont il-kuntratt li bih Camilleri aljena favur l-intimati, u ċjoè dak riċevut min-Nutar Pubbliku Paul George Pisani fit-28 ta' Novembru 2016[3], jirriżulta li dan tassew ittrasferixxa l-ġnien tal-kejl ta' 1,012 mk kif ukoll il-garaxx fuq imsemmi, apparti ġid ieħor. Fl-istess att, ġie dikjarat li l-provenjenza tat-titolu fuq il-ġnien in kontestazzjoni kienet l-istess bħal dik tal-garaxx bin-numru tnejn u tmenin, qabel numru tlieta u tletin u tas-sienja, u ċjoè l-kuntratt tat-12 ta' Frar 2004 fl-atti tan-Nutar Antoine Agius[4]. F'dan il-kuntratt jingħad li kienu qed jiġu aljenati favur l-istess Jude Taddeus Camilleri: «... *(a) garage numru tnejn u tmenin (82) gia numru tlieta u tletin (33) Saint George's Street Ħal Qormi u (b) l-ġnien bil-kamra ġo fih tal-kejl ta' circa tlett mija u sittax (316) metri kwadra qed Ħal Qormi b'aċċess mill-garage imsemmi taħt l-ittra (a) u jmiss il-ġnien mit-tramuntana in parti ma beni tal-familja Camilleri u in parti mal-garage taħt ittra*

[3] A folio 24.
[4] A folio 75.

*(a) deksritt mill-lvant mal-beni tal-familja Camilleri u minn nofsinhar ma' beni ta' Carmelo Borg jew irjieħ verjuri u pjanta hi hawn unita u markata document "X" minn pisijiet liberi u franki u bid-drittijiet gjus, pertinenzi u attinenzi tagħhom kollha*». Fil-provenjenza ndikata fl-istess att, jingħad li Paul Camilleri kiseb it-titolu tiegħu bi prelegat mingħand ħuh George Camilleri, b'testment konfezzjonat fl-atti tan-Nutar Antoine Agius fl-1 ta' Diċembru 1995[5]. Għalkemm fit-testment imsemmi ma jidhirx li jissemma kejl tal-ġardina annessa ma' dan il-garaxx, hemm riferenza għal pjanta li turi li l-ġardina għandha kejl ta' 316.2 mk[6].

9. Minn eżami tal-kuntratti fuq imsemmija, jidher li tassew hemm diskrepanza notevoli fid-daqs tal-immobbli li Jude Taddeus Camilleri kiseb mingħand missieru Paul Camilleri, u d-daqs tal-immobbli li huwa mbagħad trasferixxa lill-intimati. Diskrepanza li mad-daqqa t'għajn turi li jista' jkun il-każ li Camilleri biegħ aktar milli xtara. Naturalment, jekk dan hux minnu jew le jrid jiġi approfondit waqt il-kawża fil-meritu, b'eżami aktar dettaljat tal-kuntratti u testmenti msemmija, kif ukoll tal-irjieħat imsemmija fid-deskrizzjonijiet tal-attiv mibjugħ u tal-pjanti mehmuża mal-istess atti. Huwa wkoll fil-kawża li jrid jiġi apprezzat x'inhu l-effett, legali u probatorju, tal-kontenut tal-att ta' dikjarazzjoni *causa mortis* li r-rikorrenti għamlu wara l-mewt ta' missierhom, kif ukoll kwistjonijiet oħra relatati mal-pussess tal-ġid in kontestazzjoni.

10. Però l-fatt waħdu li Camilleri biegħ aktar milli xtara mhux biżżejjed biex il-qorti tqis li r-rikorrenti wrew jedd *prima facie*. L-intimati fit-tweġiba tagħhom isostnu li r-rikorrenti ma wrewx dan il-jedd, għaliex missierhom għadda kollox lil ħuhom Jue Taddeus Camilleri, u għalhekk huma żgur ma setgħu wirtu xejn mingħandu.

11. Iżda r-rikorrenti ma jgħidux li missierhom għadda kull ma wiret mingħand ħuħ George Camilleri lil Jude Taddeus Camilleri. Huma jgħidu li missierhom biegħ lil ħuhom dak li kiseb <u>bi prelegat</u> mingħand George Camilleri. Dan però ma jinkludix il-ġnien tal-kejl ta' 1,012 mk, li ntiret minn Paul Camilleri flimkien mal-aħwa l-oħra bħala werrieta universali ta' George Camilleri. Ir-rikorrenti għalhekk isostnu li wirtu dan is-sehem mill-proprjetà in kwistjoni bħala eredi ta' missierhom Paul Camilleri, kif jirriżulta li

[5] A folio 11.
[6] A folio 14.

huma skont testment li huwa għamel fl-atti tan-Nutar Antoine Agius fit-13 ta' Marzu 2014[7].

12. Il-qorti għalhekk jidhrilha li r-rikorrenti seħħilhom juru li għandhom jedd *prima facie*, u għalhekk tqis dan l-ewwel element sodisfatt.

13. It-tieni element li r-rikorrenti jridu jissodisfaw huwa li jiġi muri li l-mandat huwa meħtieġ biex jiġi mħares il-jedd vantat minnhom. L-intimati fir-risposta tagħhom jagħmlu sottomissjonijiet fit-tul, b'riferenza għall-ġurisprudenza, sabiex isostnu li r-rikorrenti ma wrewx li se jġarrbu preġudizzju irrimedjabbli b'konsegwenza tal-azzjoni li minnha jridu jżommu lill-intimati.

14. Din il-qorti ma taqbilx li sabiex jinħareġ mandat bħal dak maħsub fl-artikolu 873 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili min jitolbu jrid juri «preġudizzju irrimedjabbli». L-artikolu 873(1) jgħid li: «*L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat*». Għalhekk il-liġi tgħid b'mod ċar li l-iskop ta' dan il-mandat huwa li jwaqqaf milli tiġri "kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju", mingħajr ma tikkwalifika l-preġudizzju b'ebda mod. Il-qorti taf li fejn il-liġi riedet li l-qorti tqis xi preġudizzju kwalifikat, dan tagħmlu ċar billi tgħidu, kif tagħmel, per eżempju, fl-artikolu 495A(1) tal-Kodiċi Ċivili. Il-kliem tal-liġi fl-artikolu 873 ma jwettaq ebda kwalifika bħal dik, u t-tifsira litterali tal-kliem tal-liġi bl-ebda mod ma jwasslu lil din il-qorti biex tikkonkludi li l-ħtieġa tal-preġudizzju "irrimedjabbli" hija ħtieġa mposta mil-liġi. Fejn il-kliem tal-liġi huwa ċar, l-interpretazzjoni hija vjetata, inkella l-interpretu jkun qed jassumi mansjoni ta' leġiżlatur billi jżid tifsiriet fil-liġi li m'humiex hemmhekk[8]. Dan m'għandux ikun.

[7] Kif jirriżulta min-nota tal-insinwa dwar id-dikjarazzjoni *causa mortis*, eżebita a folio 78.

[8] «*La regola quindi comunemente ammessa, che cioè la legge chiara non abbia d'uopo d'interpretazione, non si deve applicare solamente alla legge che sia a primo aspetto e da ogni parte intelligibile, ma bisogna estenderla ad ogni legge, il cui concetto sia talmente circoscritto e determinato da poterlo distinguere da qualunque altro. Laonde, se chiarendo la disposizione essa abbia un senso circoscritto e determinato, non si deve dar luogo all'interpretazione onde non estendere la funzione del giudice siffattamente da attribuire ad esso la podestà del legislatore*» (***Pasquale Fiore***, Il Diritto Civile Italiano secondo la Dottrina e la Giurisprudenza; Delle Disposizioni Generali sulla Pubblicazione, Applicazione ed Interpretazione delle Leggi, Vol.II, §1008).

15. Għalhekk dak li jridu juru r-rikorrenti huwa li jekk l-intimati ma jinżammux kif mitlub minnhom, jistgħu iġarrbu preġudizzju.

16. Il-qorti tqis li jekk l-intimati jitħallew jiżviluppaw il-proprjetà in kwistjoni, id-drittijiet tar-rikorrenti bħala komproprjetarji ta' dik il-proprjetà (kemm-il darba l-qorti adita bil-kawża dwar il-meritu hekk issib) se jiġu bla dubju preġudikati. Dan mhux biss għaliex, skont l-artikolu 493 tal-Kodiċi Ċivili, l-ebda tibdil ma jista' jsir fil-ħaġa komuni mingħajr il-kunsens tal-komproprjetarji kollha, imma wkoll minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 543 tal-Kodiċi Ċivili, li jobbliga lis-sid jindennizza anki lill-pussessur *in mala fidei* għal dawk li huma spejjeż utili u neċessarji.

17. Għalhekk anki l-element tal-preġudizzju huwa sodisfatt.

18. Għaldaqstant il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati kif mitlub minnhom bir-rikors tat-18 ta' Marzu, 2024.

L-ispejjeż ta' din il-proċedura jkunu riservati għad-deċiżjoni dwar il-kawża fl-ismijiet "Maria Carmela Bellizzi et vs. Jude Taddeus Camilleri et" (Rikors Ġuramentat Numru 37/2024 DC).

Mogħti kameralment fl-4 t'April, 2024.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur